A.L. 41 ta' l-1996

ATT DWAR IL-BORD TA' *STANDARDS* TA' MALTA (KAP. 187)

Standard Order ta' l-1996 dwar is-Sulfarini (*Standard Order* Nru. 32 ta' l-1996)

BIS-SAHHA tas-setghat moghtija bl-artikolu 4 ta' l-Att dwar il-Bord ta' *Standards* ta' Malta, il-Bord ta' *Standards* ta' Malta ghamel l-i*standard order* li ġej:–

Titolu u bidu fis-sehh.

1.1 Dan l-i*standard order* jista' jissejjah l-i*Standard Order* ta' l-1996 dwar is-Sulfarini, u jista' jissejjah *Standard Order* Nru. 32 ta' l-1996.

1.2 Dan l-i*standard order* ghandu jibda jsehh f'data wara li jghaddu 20 jum mill-jum li fih jitqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati, liema data ghandha tiġi avżata mill-Bord b'avviż fil-Gazzetta.

Ghan.

2.1 Dan l-i*standard order* jispeċifika l-htiġiet ta' sigurezza, funzjonalità u tikkettjar ta' sulfarini disponibbli ghall-pubbliku ġenerali, magħduda *book matches,* u jaghti l-provi meħtieġa sabiex tiġi stabbilita osservanza ta' dawn il-ħtiġiet.

Tifsir

3.1 F'dan l-i*standard order*:

3.1.1 "sulfarina" tfisser zokk b'tarf li jkollu ras ta' kompożizzjoni li tixgħel meta tiġi mħabbta ma' wiċċ adatt;

3.1.2 "zokk" tfisser zokk riġidu ta' materjal kombustibbli li jipprovdi sostenn waqt ix-xegħil ta' sulfarina u jitma' lin-nar biex ikompli jaqbad;

3.1.3 *"safety match"* tfisser sulfarina li tkun trid tiġi mqabbda fuq wiċċ li jinkorpora kompożizzjoni komplementari għal dik tar-ras tagħha biex tixgħel b'riżultat tajjeb u b'mod konsistenti: iżda *safety matches* jistgħu okkażżjonalment, u b'diffikultà, jiġu mixgħula b'riżultat tajjeb fuq uċuħ oħra;

3.1.4 *"strike-anywhere match"* tfisser sulfarina li tista' tiġi mixgħula b'riżultat tajjeb u b'mod konsistenti billi tiġi mqabbda fuq wiċċ aħrax;

3.1.5 "kontenitur tas-sulfarini" tfisser pakkett individwali bl-imnut biex fih iżomm is-sulfarini u li jkun jinkorpora l-mezz għax-xegħil tas-sulfarini fl-għamla ta' wiċċ ta' tqabbid. Is-sulfarini huma disponibbli f'kontenituri tipiċi bħal kaxex, *drums* u *match books*;

3.1.6 "pakkett imgeżwer" tfisser pakkett li jkun fih numru ta' kontenituri offrut għall-bejgħ bl-imnut.

Daqs tal-kampjun.

4.1 Sabiex isiru l-provi kollha meħtieġa, il-kampjun għandu jkun jikkonsisti f'numru ta' kontenituri ħekk illi n-numru nominali totali tas-sulfarini ma jkunx inqas minn 2000.

Kondizzjonament.

5.1 Qabel isiru l-provi għal dik li hija funzjonalità, il-kampjuni għandhom jinżammu fi 20 ± 5°C u 60 ± 10% r.h. għal mhux inqas minn 24 siegħa.

Il-provi għandhom jinbdew fi żmien 30 sekonda mit-trasferiment tal-kampjuni mill-inħawi ta' kondizzjonament għal dawk tal-provi.

Spezzjoni viżwali.

6.1 Ġenerali.

Kull spezzjoni viżwali għandha ssir minn distanza ta' 300 ± 50mm bil-għajn waħedha, jew bl-użu ta' vista korretta normali biss, f'livell ta' dawl ta' madwar li jkun biżżejjed biex jipprovdi mhux inqas minn 250 *lux* fuq il-wiċċ taħt spezzjoni.

Is-sulfarini li ma jissodisfawx il-ħtiġiet ta' l-ispezjoni viżwali għandhom jiġu sostitwiti b'kampjuni sodisfaċenti qabel ma tiġi stmata l-funzjonalità tas-sulfarini skond il-paragrafu 7.

6.2 Prodott komplet.

6.2.1 In-numru ta' sulfarini bl-irjus f'kontenitur għandu jikkorrispondi mal-kontenut dikjarat (ara l-paragrafu 8) sa fi ± 12.5% għal kontenituri individwali u sa fi $^{+10}_{-2}$ % għall-kontenituri kollha:

Iżda l-valuri frazzjonali li jirriżultaw minn dawn il-perċentaġġi għandhom jiġu *rounded down* għall-eqreb numru shiħ.

6.2.2 Is-sulfarini kollha għandhom ikunu għal kollox ġewwa l-kontenitur.

6.2.3 Il-kontenitur magħluq għandu jibqa' jżomm fih il-kontenut meta jiġi orjentat f'xi direzzjoni.

6.2.4 Iżda ma jkunx kostitwit falliment jekk in-numru ta' kontenituri li ma jkunux konformi mal-ħtiġiet ta' kull wieħed mill-paragrafi 6.2.1, 6.2.2 u 6.2.3 ma jkunx iżjed minn 4% tal-kontenituri kollha:

Iżda l-valuri frazzjonali li jirriżultaw minn dan il-perċentaġġ għandhom jiġu *rounded down* għall-eqreb numru sħiħ.

6.3 Sulfarini individwali. Meta jiġu eżaminati 125 sulfarina, ma għandux ikun hemm iżjed minn:

6.3.1 ħamest izkuk tas-sulfarini li d-dimensjoni tagħhom ma tkunx fi ± 15% tal-valur medju jew inqas minn 15mm fit-tul, eskluża r-ras.

6.3.2 ħamest izkuk bir-ras nieqsa.

6.3.3 żewġt izkuk li d-dimensjoni tar-ras tagħhom ma tkunx bejn 3mm u 8mm f'dak li hu tul, imkejla 'l isfel maz-zokk mill-ponta sat-tarf tar-ras għal sulfarini konvenzjonali.

L-espressjoni sulfarini konvenzjonali teskludi prodotti ta' skop speċjali bħalma huma sulfarini reżistenti għar-riħ u sulfarini reżistenti għall-ilma.

6.3.4 żewġt irjus sfurmati ħafna ħekk li l-irjus ikollhom ponot jew trufijiet ħorox jew magħqudin flimkien b'konġunġiment tal-kompożizzjoni (doppji).

Id-doppji jitqiesu bħala falliment singolu, jiġifieri jaffettwaw sulfarina waħda biss miż-żewġ sulfarini mgħaqqda flimkien.

6.3.5 żewġt irjus bi ksur ħekk li l-wiċċ tar-ras ikun miksur jew imxaqqaq.

6.4 Kontenituri.

Il-kontenituri għandhom jinkorporaw spazju sostanzjalment distribwit b'mod uniformi ta' wiċċ adatt għat-tqabbid li xejn minnu ma għandu jkun preżenti fuq ġewwa tal-kontenitur f'pożizzjoni li jkun jista' jkun hemm kuntatt ma' l-irjus tas-sulfarini waqt aċċess normali għall-kontenut.

Funzjonalità.

7.1 Tqabbid.

Din il-prova għandha ssir fuq il-kumplament tas-sulfarini wara l-eżami viżwali inkluż numru ta' kampjuni sodisfaċenti biex jissostitwixxu lil dawk imnehhija waqt l-eżami viżwali. Meta jiġu ppruvati kif deskritt fl-Appendiċi A ebda sulfarina ma għandha tisplodi jew jiġri li r-ras tagħha titfarrak jew tinqala' waqt ix-xegħil, u lanqas ma għandha tinkiser jew twaqqa' r-ras wara x-xegħil. Barra minn hekk ma għandux ikun hemm iżjed minn:

7.1.1 hames sulfarini li ma jixegħlux.

7.1.2 hames sulfarini li jinqasmu jew jinkisru qabel ix-xegħil.

7.1.3 hames sulfarini li ma jixegħlux mingħajr dewmien.

7.1.4 hames sulfarini li jwaqqgħu irmied jahraq waqt ix-xegħil.

7.1.5 hames sulfarini li jinkisru mingħajr separazzjoni wara x-xegħil.

7.1.6 hames sulfarini li ma jittrasferux il-fjamma mir-ras għaz-zokk.

7.2 ***Safety matches.***

Ma għandux ikun possibbli li tqabbad xi sulfarina deskritta bħala *safety match* fuq wiċċ ġdid ta' *waterproof silicon carbide paper* tal-grad P600.

7.3 Ġamar.

Meta jiġu ppruvati bil-metodu stabbilit fl-Appendiċi B, mhux aktar minn żewġ sulfarini għandhom juru xi ġamra li tibqa' tixgħel ħlief għal ġamra rqiqa hafna sewwa sew taħt ir-ras.

7.4 Stabbilità termika.

Meta jiġu ppruvati kif deskritt fl-Appendiċi Ċ, il-kontenituri tas-sulfarini ma għandhomx jieħdu n-nar spontanjament.

7.5 Wiċċ tat-tqabbid.

7.5.1 Meta erba' kontenituri, jew in-numru totali ta' kontenituri fil-kampjun jekk inqas minn erbgħa, jiġu ppruvati kif deskritt f'D.1 ma għandu jkun hemm ebda tneżżigħ tal-wiċċ tat-tqabbid biżżejjed biex jikxef il-wiċċ ta' taħt tal-kontenitur.

7.5.2 Meta jiġi ppruvat kif deskritt f'D.2, il-wiċċ tat-tqabbid ta' kontenitur tas-sulfarini għandu jkun kapaċi jixgħel il-kontenut kollu tal-kontenitur fuq mhux iżjed minn nofs il-wiċċ disponibbli minħajr xegħil ta' xi area tal-wiċċ li tkun iżjed minn 40mm² jew telf ta' frammenti jaqbdu.

7.6 Impatt.

Meta l-konteniturimlija jiġu ppruvati kif deskritt fl-Appendiċi E, dawn ma għandhomx jieħdu n-nar u mhux iżjed minn 4% tal-konteniturigħandhom jitilqu sulfarini individwali f'eċċess ta' 1% tal-kontenut.

Il-valuri frazzjonali li jirriżultaw minn dawn il-perċentaġġi għandhom jiġu *rounded down* għall-eqreb numru sħiħ.

8.1 Fuq kull kontenitur u kull pakkett imgeżwer ta' sulfarini għandu jkun hemm tikketta li fuqha jkun hemm stampat b'mod ċar u li jista' jinqara faċilment dan it-tagħrif li ġej: Tikkettjar.

8.1.1 L-isem tal-marka jew *trade mark*;

8.1.2 Alternattivament l-isem u l-indirizz tal-fabbrikant.

8.1.3 Meta l-isem tal-marka ma jkunx imniżżel fil-lista miżmuma mid-Direttur ta' l-Industrija u lanqas it-*trade mark* ma tkun reġistrata mal-Kontrullur tal-Proprjetà Industrijali, ikun obbligatorju li jitniżżlu fuq it-tikketta l-isem u l-indirizz tal-fabbrikant.

8.1.4 Il-kontenut medju fil-limiti tal-paragrafu 6.2.

8.1.5 It-twissija "Bieghed minn idejn it-tfal" f'ittri ta' mhux inqas minn 1.4mm f'dak li hu għoli.

8.2 Dawk is-sulfarini biss li jkunu skond il-paragrafu 7.2 għandhom jiġu ttikkettjati "*safety matches*".

Appendiċi A

Metodu tal-prova tal-funzjonalità tat-tqabbid

A.1 Is-sulfarini għandhom jiġu mqabbda billi s-sulfarina tinżamm ferma bejn is-saba' l-werrej u s-saba' l-kbir f'angolu ta' 30° sa 40° maż-żebgħa tal-frizzjoni u tiġi mqabbda 'l barra mill-operatur f'direzzjoni li r-ras tkun tkarkar, bl-inqas pressjoni meħtieġa għax-xegħil tagħha. Il-provi għandhom isiru bil-kontenitur tas-sulfarini miżmum fuq folja A4 ta' *tissue paper* bajda ta' grammaġġ ta' $40 \pm 5 g/m^2$.

Is-sulfarina għandha tinżamm approssimament 15mm mir-ras jew, għal sulfarini qosra u/jew flessibbli, f'pożizzjoni konsistenti ma' l-użu normali tal-prodott.

A.2 Irreġistra kull ksur jew frattura taz-zokk qabel ix-xegħil u jekk is-sulfarina tixgħelx jew iddum biex tixgħel.

A.3 Hekk kif is-sulfarina tixgħel, irreġistra kull splużjoni jew frammentazzjoni tar-ras tas-sulfarina jew xi ksur jew frattura taz-zokk li jirriżultaw fis-separazzjoni tal-biċċiet miksura.

A.4 Waqt ix-xegħil, irreġistra kull twaqqigħ ta' rmied li jkun jaħraq biżżejjed biex iħalli marka permanenti fuq it-*tissue paper* b'sinjali ta' ħruq.

A.5 Wara x-xegħil, irreġistra kull ksur jew frattura taz-zokk jew stakkar tar-ras maħruqa u jekk il-fjamma jirnexxilhiex tgħaddi mir-ras għaz-zokk.

A.6 Għal sulfarini deskritti bħala *safety matches,* agħmel dak li hemm f'A.1 iżda minflok il-wiċċ tat-tqabbid tal-kontenitur tas-sulfarini uża, b'sapport taħtha, folja ġdida ta' *waterproof silicon carbide paper* tal-grad P600 li tkun skond il-BS871 u rreġistra jekk is-sulfarina tkunx tista' titqabbad.

Appendiċi B

Metodu tal-prova għal ġamar li jibqgħu jixegħlu

B.1 Qiegħed il-bażijiet taz-zkuk ta' 25 sulfarina f'toqob fi pjanċa tal-metall li jkunu 20 ± 0.5mm minn waħda għall-oħra, fl-ordni ta' 5 x 5.

B.2 F'kamra mdallma, applika fjamma lil ringiela ta' fuq barra tas-sulfarini u mejjel il-pjanċa tal-metall ħekk li tixgħel is-sulfarini kollha ta' fuq il-pjanċa malajr kemm jista' jkun.

B.3 Halli liz-zkuk jinħarqu għal kollox u, meta l-fjamma tintefa, eżamina l-irmied taz-zkuk għal xi ġamra li tibqa' tixgħel, iżda injora kull ġamra rqiqa ħafna sewwa sew taħt ir-ras.

B.4 Meta ġamra titqies li tkun baqgħet tixgħel għal aktar minn 3 sekondi irrepeti l-prova fuq 25 sulfarina oħra li jiġu mqabbda kif dirett f'A.1 u eżaminahom individwalment.

B.5 Irrepeti B.1 sa B.4 fuq grupp ieħor ta' 25 sulfarina u rreġistra riżultat kumulattiv għall-50 sulfarina ttestjati.

Appendiċi Ċ

Metodu tal-prova ta' l-istabbilità termika

C.1 Qiegħed kontenituri mimlija ta' sulfarini f'saff wieħed mingħajr kuntatt bejn xi kontenitur u ieħor, ġo forn b'ċirkolazzjoni ta' l-arja miżmum fi 120 ± 5°C.

C.2 Żomm il-kontenituri fil-forn għal 30 minuta u rreġistra kull każ ta' xegħil spontanju matul dan il-perijodu.

Appendiċi D

Metodu tal-prova tal-funzjonalità tal-wiċċ tat-tqabbid

D.1 Prova tal-wiċċ tat-tqabbid bl-ilma

D.1.1 Applika taqtira waħda ta' ilma fuq il-wiċċ tat-tqabbid għal 20 sekonda, imbagħad b'attenzjoni imsaħ il-wiċċ b'*tissue* xotta u irreġistra kull tneżżigħ li jkun biżżejjed biex jikxef il-wiċċ ta' taħt tal-kontenitur.

D.2 Durabilità u xegħil

D.2.1 Għal kontenituri ta' kontenut medju sa u inklużi 50 sulfarina, qabbad il-kontenut kollu tal-kontenitur, billi tuża l-metodu deskritt f'A.1, fuq area tal-wiċċ tat-tqabbid ristretta għal 50 ± 5% ta' dik provduta fuq il-kontenitur.

L-area tal-wiċċ tat-tqabbid tista' tiġi kkontrollata, e.g. billi jintuża ġenb wieħed biss ta' kaxxa tas-sulfarini li jkollha wiċċ tat-tqabbid fuq iż-żewġt iġnub jew billi titgħatta sezzjoni tal-wiċċ tat-tqabbid disponibbli b'*tape* taċ-ċelluloża.

D.2.2 Għal kontenituri ta' kontenut medju ta' iżjed minn 50 sulfarina, qabbad mhux inqas minn 10% tal-kontenut jew 50 sulfarina, liema jkun l-akbar, billi tuża l-metodu deskritt f'A.1, fuq dak il-perċentaġġ tal-wiċċ tat-tqabbid provdut stabbilit bi:

$$\frac{\text{numru ta' sulfarini mqabbda}}{\text{kontenut totali}} \times 50 \pm 5\%$$

D.2.3 Waqt il-proċess tat-tqabbid, irreġistra kull xegħil tal-wiċċ tat-tqabbid u l-area ta' dan, imkejla sa l-eqreb mm^2, u/jew it-telf ta' partiċelli jaqbdu mill-wiċċ tat-tqabbid.

D.2.4 Irreġistra n-numru ta' sulfarini mixgħula b'riżultat tajjeb bħala d-durabilità tal-wiċċ tat-tqabbid.

Appendiċi E

Metodu tal-prova ta' reżistenza għall-impatt

E.1 Waqqa' l-kontenitur mimli tas-sulfarini għal fuq wiċċ tal-konkrit lixx u invellat minn għoli ta' 1m ± 50mm hekk li l-kontenitur jaħbat dritt fuq dak il-ġenb jew tarf tal-kontenitur li jkun imiss ma' l-irjus tas-sulfarini.

E.2 Irrepeti E.1 darbtejn.

E.3 Irreġistra kull xegħil tal-kontenut jew ħruġ ta' xi sulfarini individwali separati.

Fit-thejjija ta' dan l-i*standard order* saret riferenza għall-*British Standard 3795*.